# Żjara minn Maestro Alfio Zito, President tal-Federazzjoni tal-Baned Sqallin fil-Każin tal-Banda Imperial



Fil-5 ta' Mejju 2007 għamel żjara fil-Każin Imperial, Maestro Alfio Zito, il-President tal-Federazzjoni tal-Baned Sqallin, fejn ġie milqugħ mill-President Joseph Bartolo u s-Surmast Tonio Borg. Hu ġie mdawwar mal-każin u anki sar skambju ta' tifkiriet miż-żewġ naħat.

Iż-żewġ naħat tkellmu wkoll fuq l-iżvilluppi kemm tal-Banda Imperial u kemm tal-Baned Sqallin. Iddiskutew ukoll kif iż-żewġ naħat jistgħu jaħdmu flimkien fil-qasam mużikali u kulturali. Tkellmu wkoll fuq iż-żjarart li l-Banda Imperial għamlet fis-snin mgħoddija fi Sqallija, fejn Maestro Zito stieden lill-Banda biex terġa' żżur Sqallija.

Is-Surmast Alfio Zito twieled f'Aci S. Antonio u ħa d-diploma fil-mużika fil-Liċeo Mużikali V. Bellini ġewwa Katanja. Huwa attenda wkoll diversi korsijiet internazzjonali fil-mużika kemm dik chamber u kemm dik orkestrali. Għal diversi staġuni wkoll kien jagħmel parti mill-orkestra tat-Teatru Massimo Bellini ta' Katanja.

Fis-sena 1996 ġewwa Scicli u fis-sena 2003 f'Rosolini, ġo żewġ konkorsi nazzjonali ta' l-orkestri, is-Surmast Zito kien ippremjat bil-bakketta tad-deheb u s-salib tad-deheb bħala l-aqwa direttur fil-kategorija oriġinali.

F'April tas-sena 2006 il-Banda Giacomo Pucini taħt id-direzzjoni tiegħu rebħet l-ewwel post tal-kategorija 3A tal-konkors nazzjonali bandistiku Taljan.

Din iż-żjara fil-każin mis-Surmast Zito, saret bil-kollaborazzjoni ta' l-Uffiċċju tad-Deputat Parlamentari Ewropew l-Onor. Joseph Muscat.



CLIFFORD
Motoring School

Mob: 9947 8908 – 9945 2994